MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 247/2012

**GO plc**
**C-22334**

**vs**

**Maria Borg**
**ID-121981(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€923.89c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40099720 u 40127893* moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u skond l-annessi dokumenti Dok IZY 1, Dok IZY 2, Dok IZY 3 u Dok IZY 4 prospetti u applikazzjoni ghas-servizz relattiv.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta' disa' mija tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€923.89c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------